# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 243/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Pierre Grech)

vs

**Nadia Rapinett**

bint Carmen, imwielda Attard, fil-05 ta' Gunju 1976, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 282776(M)

Illum, 31 ta' Lulju 2019

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Nadia Rapinett, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 282776M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Dicembru tal-2011 u x-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fit-8 ta' Mejju, 2012, u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data;

a. Assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex tbiegh jew titraffika f'dawn il-gzejjer il-medicina (eroina), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromwoviet, ikkostitwixxiet, organizzat jew iffinanzjat tali assocjazzjoni;
b. U aktar talli saret recidiva wara sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), wahda ta' nhar il-5 ta' Gunju, 2007, moghtija mill-Magistrat Dott. S. Demicoli LL.D., u ohra ta' nhar it-8 ta' Ottubru, 2010, moghtija mill-Magistrat Dott. A. Mizzi LL.D., liema decizjonijiet saru definittivi;

c. U aktar talli ghamlet reat waqt perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-8 ta’ Ottubru, 2010, mill-Magistrat Dott. A. Mizzi LL.D., liema decizjoni saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Gunju, 2014, fejn il-Qorti sabet lill-imputata hatja wara li rat l-artikoli 22(1), 22(1)(A), 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u illiberatha, pero’, mill-addebiti tar-recidiva u ta’ ksur ta’ sentenza sospiza in kwantu qatt ma gew pruvati.

Dwar il-piena, l-Qorti qieset illi Nadia Rapinett ghandha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghaliex mhux talli ghenet fit-tieni stqarrija, mhux talli gguramentat l-istess, imma anke ppartecipat f’konsenja kkontrollata b’success, tant illi giet imressqa persuna ohra b’akkuzi relatati. Qieset ukoll dak illi minn jeddha xehdet Nadia Rapinett meta telghet tiddeponi fuq il-*bail*. Il-Qorti ma tridx tiftiehem hawn, li din, ghax nieqsa mill-flus, kienet gustifikata tassocja ruhha li timporta droga f’pajjizna (jew f’pajjiz iehor jekk nigu ghal dan). Ghalhekk, tenut kont ta’ dak kollu espress, ikkundannatha ghal piena karcerarja effettiva ta’ tlett (3) snin u ghal multa ta’ elfejn Ewro (€2,000).

Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kkundannatha wkoll ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal tmien mija, erbgha u tmenin Ewro, u tnax –il centezmu (€884.12).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Nadia Rapinett, ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fis-16 ta’ Gunju, 2014, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja u tirrevokaha ghall-kumplament, u hekk tilliberaha minn kull htija u piena.

Rat it-talba maghmula mill-appellanti fis-seduta tal-04 ta’ Ottubru 2018 sabiex din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta’ Malta tassumi l-funzjonijiet ta’ Qorti dwar id-Droga, kif ukoll id-digriet taghha tal-istess jum fejn giet milqugha t-talba tad-difiza sabiex tressaq provi f’dan ir-rigward.

Semghet ix-xiehda tal-appellanti limitatament fir-rigward tar-rekwiziti imposti fil-ligi fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi essenzjalment hames rekwiziti ghalbiex persuna li tkun mixlija b'reat tista' tkun elegibbli sabiex tigi iprocessata minn Qorti dwar id-Droga.

1. il-persuna akkuzata trid tkun mixlija b'reat kontra l-ligijiet dwar id-droga.
2. l-ammont ta' droga mertu tal-kaz ma jkunx jeccedi dak indikat fil-linja gwida li tinsab fir-Raba Skeda ghal Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u li allura huwa reat li jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali.
3. ir-reat huwa attribwibbli sostanzjalment ghad-dipendenza tal-persuna akkuzata fuq id-droga u allura irid jigi stabbilit illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet tezisti din id-dipendenza.
4. jekk ir-reat ikun wiehed taht xi ligi ohra u mhux dik dwar id-droga, dan ma jkunx igorr mieghu piena li teccedi is-seba' snin prigunerija u ma ikunx reat volontarju kontra l-persuna jew inkella li r-reat ma jkunx gie imwettaq bl-uzu ta' armi regolari jew splussiv.
5. irid jigi ippruvat illi jezistu ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi rijabilitata mid-dipendenza taghha fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali biex tinheles minn din id-dipendenza.

Mhux biss izda l-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 jiddelinja cirkostanzi ohra li jwasslu ghall-eskluzjoni mill-applikibilita' tal-Att favur l-persuna akkuzata u cioe':

> **(a) fir-rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; jew**

**(b) fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew**

**(ċ) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.**

Issa l-Avukat Generali jilqa' ghat-talba maghmula mill-appellanti u dan ghaliex huwa tal-fehma illi jezistu cirkostanzi li jeskludu l-applikabilita' tal-Kapitolu 537 u dan ghaliex:

1. ir-reat li bih l-appellanti hija mixlija huwa wiehed ta' assocjazzjoni bl-iskop ta' traffikar b'dan ghalhekk illi l-piena mahsuba ghar-reat lilha addebitat jeccedi il-perijodu ta' seba' snin prigunerija.

2. Il-piz tad-droga kien jeccedi dak mahsub fir-Raba Skeda ghal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta, u

3. Ir-reat kommess mill-appellanti ma huwiex attribwibbli ghad-dipendenza taghha fuq id-droga billi *ex admissis* hija stess tistqarr li qatt ma ikkonsmat droga. Dan il-fatt johrog ukoll mill-provi minnha prodotti.

Illi jirrizulta mill-atti illi s-sustanza li instabet fuq il-persuna tal-appellanti hekk kif giet intercettata diehla Malta mill-Egittu gewwa l-ajruport kienet tikkonsitsi f'zewg blokok ta' lewn kannella f'piz totali ta' 491 grammi liema sustanza kienet tikkonsisti f'kaffejina u Paracetamol, sustanzi allura li ma humiex ikkontrollati bil-ligi[1]. Issa ghalkemm l-appellanti giet mixlija bir-reat tal-assocjazzjoni ghall-fini ta' importazzjoni u traffikar ta' droga, reat li jgorr mieghu piena li teccedi s-seba' snin prigunerija, madanakollu din il-kwalifika hija abbinata fl-artikolu 8 mar-reati li ma jaqghux taht il-ligi tad-droga billi l-kwalifika li l-legislatur abbina mar-reati tad-droga hija dik marbuta mal-kwantita tad-droga misjuba u mhux mal-*quantum* tal-piena biex b'hekk huma biss dawk il-persuni mixlija bir-reati tad-droga li jaqghu taht l-kompetenza tal-Qorti Kriminali li ma jikkwalifikawx

[1] Ara rapport Spizjar Mario Mifsud, Dokument MM

ghal procedura mahsuba fl-imsemmi artikolu 8. Kwindi l-Avukat Generali ma ghandux ragun f'dina l-oggezzjoni minnu ventilata.

L-appellanti izda fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat ma kinitx bniedma dipendenti fuq d-droga u meta accettat li idahhal iz-zewg blokok imsemmija hija ma kinitx taf din is-sustanza f'hiex kienet tikkonsisti ghalkemm hija giet moghtija x'tifhem mill-ispaccatur li s-sustanza li hija kellha timporta gewwa Malta mill-Egittu  kienet droga, u fil-fatt accettat il-flus minghandu ghal dan il-ghan.

Illi dan ifisser allura illi l-kaz tal-appellanti jaqa' lil hinn mill-parametri imfassla ghalbiex hija tkun tista' tibbenefika mill-mekkanizmu mahsub fil-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex ma hemmx l-icken prova in atti illi l-appellanti kienet persuna dipendenti fuq id-droga u li r-reat gie kommess minhabba f'din ir-raguni. Kwindi josta l-artikolu 8(2)(a) tal-Kapitolu 537 ghalbiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti dwar id-Droga.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi billi c-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jaqghux fil-parametri imfassla fil-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-Qorti tassumi il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, t-talba tal-appellanti qed tigi michuda.

Edwina Grima

Imhallef